KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza E.S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21236951 Fax No. 21 237723

26 ta’ Marzu 2010

**MINUTI TAL-LAQGĦA STRAORDINARJA TAL-KUNSILL**

Is-Sindku sejjah il-laqgha straordinarja tal-Ħames Kunsill Lokali tal-Floriana li nzammet nhar **it-Tlieta 17 ta’ Marzu 2010 fit-3.30pm** fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, b'din l-agenda:-

1. Proġett ta’ Fondi mill-Unjoni Ewropea (ERDF)
2. Għażla tal-Offerti : FLC/Q/03/10 – Provvista ta’ Sawnd u Dawl għal matul il-Festival Nazzjonali tal-logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat 2010
3. Għażla tal-Offerti : FLC/Q/04/10 – Bini ta’ ċint fit-Telgħa tal-Kurċifiss
4. Għażla tal-Offerti: FLC/Q/05/10 – Provvista u twaħħil ta’ strixxi ta’ dawl mal-loġoġ ta’ Pjazza/Triq Sant’Anna, Floriana
5. Għażla tal-Offerti: FLC/T/01/10 – Wicc sintetiku għall-piċċ tal-futbol taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V

Ghal-laqgha straordinarja tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti s-Sindku Nigel Holland, il-Vici-Sindku, l-kunsilliera Edward Torpiano, Sandra Sammut Hili u Vincent Borg flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat.

**Bidu tal-laqgha:**

Il-laqgha nfethet permezz ta’ talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Proġett ta’ Fondi mill-Unjoni Ewropea (ERDF)

1.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi spjega li gie avvicinat mill-kuratur tal-Gonna Botanici tal-Argotti fejn stieden lill-Kunsill Lokali biex jiehu sehem fi progett bl-isem ta’ ***Gardens in the Mediterranean*.**

1.2 Is-Sindku kompla jisgpjega billi semma li l-Kunsill jista’ jkun partner f’dan il-progett flimkien mal-Comune di Ragusa u flimkien mac-centru Ortobotaniku ta’ Catania u dak ta’ Malta. Sehem il-Kunsill huwa ta’ Eur 118,000 li minnu l-Unjoni Ewropea tiffinanzja 85%.

1.3 Is-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat spjega li fil-proposta tal-Kunsill hemm inkluz xoghol ta’ tisbih ta’ gonna li jaghzel il-Kunsill kif ukoll allokazzjoni ghal attivitajiet kulturali fl-istess gonna.

1.4 Il-Vici-Sindku Franco Davies ippropona mozzjoni biex il-Kunsill jippartecipa f’dan il-progett. Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ssekondat din il-mozzjoni. Ittiehed vot bir-rizultat ikun :
Favur: 5 (NH, FD, SSH, ET, VB)
Kontra: 0

**2. Għażla tal-Offerti : FLC/Q/03/10 – Provvista ta' Sawnd u Dawl għal matul il-Festival Nazzjonali tal-logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat 2010**

2.1 Is-Sindku Nigel Holland stieden lis-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat iressaq l-iskeda ta' kwotazzjonijiet mitfugha sad-data tal-gheluq.

2.2 Il-Kunsill irrisolva ruhu f'Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti u ddiskuta l-offerti mitfugha skond l-iskeda.

2.3 Il-Kunsill iddecieda biex imexxi bir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla billi javvicina il-kuntrattur bl-orhos offerta biex jiltaqa' mal-Kunsill halli jispjega l-proposta tieghu.

**3. Għażla tal-Offerti : FLC/Q/04/10 – Bini ta' ċint fit-Telgħa tal-Kurċifiss**

3.1 Is-Sindku Nigel Holland stieden lis-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat iressaq l-iskeda ta' kwotazzjonijiet mitfugha sad-data tal-gheluq.

3.2 Il-Kunsill irrisolva ruhu f'Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti u ddiskuta l-offerti mitfugha skond l-iskeda.

3.3 Il-Kumitat tal-Ghazla iddecieda li ma tigix maghzula l-orhos offerta minhabba li fil-passat, l-istess kuntrattur kien ghamel xoghol simili li ma kienx sodisfacenti. Il-Vici-Sindku Franco Davies ressaq mozzjoni, issekondat mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili biex tintaghzel it-tieni l-orhos offerta dik mitfugha minn Schembri BarBros Ltd, bir-rizultat kien:
Favur: 2 (FD, SSH)
Kontra: 3 (NH, ET, VB)

3.4 Is-Sindku Nigel Holland ressaq kontra-mozzjoni ssekondat mill-Kunsillier Edward Torpiano biex tintaghzel l-offerta ta' Dion Galea, peress li l-offerta' tieghu hija 9 ewro biss oghla mit-tieni offerent, u l-Kunsill ghandu garanzija li x-xoghol ikun tajjeb peress li dan il-kuntrattur ghamel xoghol simili u tas-sengha lill-Kunsill Lokali stess, bir-rizultat kien:

Favur: 3 (NH, ET, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet : 2 (SSH, FD)

3.6 Il-Kunsill ikkonferma d-decizjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti, fejn il-kuntrattur Dion Galea ha l-offerta bil-kundizzjoni li x-xoghol irid ikun iccertifikat mill-perit u jkun lest sat-30 ta' Marzu 2010.

**4. Għażla tal-Offerti: FLC/Q/05/10 – Provvista u twaħħil ta' strixxi ta' dawl mal-loġoġ ta' Pjazza/Triq Sant'Anna, Floriana**

4.1 Is-Sindku Nigel Holland stieden lis-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat iressaq l-iskeda ta' kwotazzjonijiet mitfugha sad-data tal-gheluq.

4.2 Il-Kunsill irrisolva ruhu f'Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti u ddiskuta l-offerti mitfugha skond l-iskeda.

4.3 Il-Kunsillier Edward Torpiano, issekondat mill-Kunsillier Vincent Borg, ressaq mozzjoni biex tintaghzel l-offerta ta' Karl De Flavia, peress li l-offerta tieghu hija l-orhos offerta, imma dan sakemm l-kuntrattur ghandu jipprovdi sample tal-materjal fi zmien jumejn, li jrid ikun approvat mill-Kunsill, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (NH, ET, VB, SSH, FD)

Kontra: 0

4.4 Il-Kunsill iddecieda biex imexxi bir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla billi jintaghzel il-kuntrattur Karl De Flavia bil-kundizzjoni msemmija f'4.4.

**5. Għażla tal-Offerti: FLC/T/01/10 – Wicc sintetiku għall-piċċ tal-futbol taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V**

5.1 Is-Sindku Nigel Holland stieden lis-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat iressaq l-iskeda ta' kwotazzjonijiet mitfugha sad-data tal-gheluq.

5.2 Il-Kunsill irrisolva ruhu f'Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti u ddiskuta l-offerti mitfugha skond l-iskeda.

5.3 Il-Kunsill iddecieda li jiltaqa' mal-kuntratturi fi zmien sebat ijiem u l-kuntrattur li ma baghatx is-samples jigi mitlub igib is-samples necessarji mieghu sa din id-data altrimenti l-offerta tieghu ma tigix ikkunsidrata fl-evalwazzjoni.

5.4 Il-laqgha mal-kuntratturi ser issir fit-30 ta' Marzu 4.00pm u li ghaliha ghandu jattendi rapprezentant tekniku mill-ufficcju tal-Perit tal-Kunsill.

Il-laqgha ntemment fil-4.45pm.

____________________________ ____________________________

Kenneth Brincat Nigel Holland